MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1089/2003

**LEWIS J GRECH & Co LIMITED**

**vs**

**NICHOLSONS THE SUPERMARKET LIMITED**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-22 ta’ Ottubru, 2003, bil-proċedura sommarja speċjali li bih il-kumpannija ippremettiet:

Illi s-soċjeta’ konvenuta hi debitriċi tas-soċjeta’ attriċi fis-somma ta’ ħamest elef, mija u wieħed u tmenin lira u disgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm5181.59) rappreżentanti bilanċ ta’ prezz ta’ household goods mibjugħa u konsenjati lis-soċjeta’ konvenuta mis-soċjeta’ attriċi;

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet biex is-soċjeta' konvenuta tħallas dan l-ammont, baqgħet inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u s-soċjeta' konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet validi xi tressaq;

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ għat-tenur ta' l-Art. 167 tal-Kap XII tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna s-soċjeta' konvenuta tħallas is-somma ta' ħamest elef, mija u wieħed u tmenin lira u disgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm5181.59) għar-raġunijiet premessi;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju 1203/03 u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra s-soċjeta' konvenuta li minn issa hi nġunta għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi, flimkien mad-dokument u l-affidavit mehmużin magħha;

Rat id-Degriet tagħha tal-25 ta' Novembru, 2003, li bih u wara li semgħet lir-rappreżentant tal-kumpannija kumpannija mħarrka, tat lill-istess kumpannija mħarrka żmien biex tressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota mressqa fil-5 ta' Diċembru, 2003, li biha l-kumpannija mħarrka eċċepiet:

Preliminarjament il-fatt li l-ammont mitlub mhuwiex kollu dovut stante li saru pagamenti mis-soċjeta' konvenuta lil dik attriċi li ma humiex ikkunsidrati fil-bilanċ li qed titlob is-soċjeta' attriċi;

In sussidju wkoll il-fatt li s-soċjeta' attriċi ħadet lura merkanzija mingħand is-soċjeta' konvenuta u l-valur ta'

dan il-merkanzija miġbura lura ma ġiex imnaqqas mis-soċjeta' attriċi meta ħadmet il-bilanċ allegatament dovut lilha;

Fit-tielet lok ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost il-fatt li l-kawża hija intempestiva in kwantu jirrigwarda parti mill-ammont mitlub;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mħarrka, flimkien mal-erba' (4) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi fis-16 ta' Diċembru, 2003[1], bix-xhieda bl-affidavit tar-rappreżentanti tagħha u provi oħrajn dokumentali mehmużin magħha;

Semgħet ix-xiehda tal-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tat-23 ta' Jannar, 2004, u tal-4 ta' Marzu, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' merkanzija konsenjata. Il-kumpannija attriċi tgħid li forniet lill-kumpannija mħarrka b'għadd ta' oġġetti għad-dar biex din tbiegħhom mill-ħwienet tagħha, iżda din baqgħet ma ħallsithiex tagħhom minkejja li biegħethom;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka laqgħet billi qalet li parti mill-ammont mitlub diġa' tħallas, u minbarra dan, qegħda tintalab tħallas ta' affarijiet li hija għaddiet

[1] Paġġ. 21 sa 46 tal-proċess

lura lill-kumpannija attriċi, minbarra li din qegħda tressaq il-kawża kontriha qabel iż-żmien;

Illi, l-fatti ewlenin li jsawru l-każ u li jirriżultaw mill-atti tal-kawża juru li għal żmien twil il-kumpannija attriċi kienet tforni lill-kumpannija mħarrka b’konsenji ta’ ħwejjeġ għad-dar, sabiex il-kumpannija mħarrka toffrihom għall-bejgħ mis-*supermarkets* immexxijin minnha. Il-kumpannija attriċi ġġib oġġetti għad-dar minn barra biex jinbiegħu fis-suq lokali u dan tagħmlu billi tqassamhom fi ħwienet. Fost dawn il-ħwienet kien hemm, sa minn Ottubru tal-2000, in-negozji immexxijin mill-kumpannija mħarrka f’Tas-Sliema, f’Ħ’Attard u fil-Fgura. Minħabba li l-kumpannija mħarrka waqgħet lura fil-ħlasijiet, il-kumpannija attriċi waqfet tforniha bil-merkanzija qrib Settembru tal-2001. Reġgħet bdiet tforniha f’April tal-2002, għal ftit tż-żmien. Bejn Diċembru tal-2002 u Mejju tal-2003, il-kumpannija attriċi ġibdet lura għandha xi merkanzija li kienet f’idejn il-kumpannija mħarrka. Il-kawża nfetħet f’Ottubru tal-2003;

Illi l-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti jeħtiġilha tagħmel dwar il-każ jirrigwardaw l-iżjed l-apprezzament tal-provi mressqa. Madankollu, iridu jsiru wkoll xi konsiderazzjonijiet legali mnisslin minn kwestjonijiet li l-kumpannija mħarrka qanqlet fit-tielet eċċezzjoni tagħha. Issa, mill-provi mressqa, jirriżulta mingħajr l-ebda dubju jew kontestazzjoni li l-kumpannija attriċi kienet tassew għaddiet b’bejgħ lill-kumpannija mħarrka għadd ta’ konsenji ta’ merkanzija. Jirriżulta wkoll li l-kumpannija mħarrka, ukoll jekk b’mod mhux regolari u f’waqtu, kienet ħallset lill-kumpannija attriċi xi parti mill-prezz tal-istess merkanzija. Jidher li lanqas ma huwa kontestat mill-kumpannija mħarrka li hija fil-fatt tagħraf li kienet debitriċi tal-kumpannija attriċi;

Illi jirriżulta li, wara li tressqu l-eċċezzjonijiet tal-kumpannija mħarrka, il-kumpannija attriċi ressqet prospett aġġornat[2] dwar il-kreditu pretiż minnha. Dan, meta mqabbel mal-ewwel wieħed imressaq mal-Att taċ-Ċitazzjoni[3], juri bidla żgħira fl-ammont bilanċjali pretiż

---

[2] Dok “Ġ”, f’paġġ. 30-3 tal-proċess
[3] Dok “B”, f’paġġ. 6-8 tal-proċess

(żieda ta’ ammont ta’ Lm 10.84) imma jagħti wkoll stampa iżjed mirquma tal-“moviment tal-kont” li kien hemm bejn il-kumpannija attriċi u dik imħarrka. Il-Qorti qieset b’reqqa l-imsemmi prospett, li fih hemm riferenza wkoll għall-ħlasijiet akkont li l-kumpannija mħarrka tgħid li ma ġewx konsidrati. Li kieku dak liqegħda tallega l-kumpannija mħarrka kien minnu, kieku l-ammont mitlub mill-kumpannija attriċi kien ikun akbar;

Illi l-kumpannija mħarrka, fost l-oħrajn, qegħda tgħid li din il-kawża infetħet qabel waqtha għaliex kien hemm ftehim bejnha u l-kumpannija attriċi li dwar l-“ewwel kreditu”, l-kumpannija attriċi tistenna sakemm il-kumpannija mħarrka tkun f’qagħda li taqta’ l-bilanċ;

Illi dwar l-allegazzjoni tal-kumpannija mħarrka li kien hemm xi arranġament (jew, kif issejjaħlu hi, “*gentlemen’s agreement*”) li l-“kont” jinqasam f’żewġ kontijiet b’sistemi ta’ ħlas differenti għal kull wieħed, il-Qorti ma ssibx li din tista’ tintlaqa’. Mhux biss ma tressqet l-ebda prova konkreta dwar dan min-naħa tal-kumpannija mħarrka, iżda t-tifsira li ta Tonio Ċiantar dwar kif suppost tfassal u tħaddem dan is-sistema għandha mill-inkredibbli[4] billi kienet tħalli miftuħ għal żmien indefinit it-terminu li fih il-kumpannija attriċi kienet titħallas il-kreditu dovut lilha. Bħal ma kien mistenni, il-kumpannija attriċi twarrab din l-allegazzjoni u tiċħad għal kollox li kienet b’xi mod aċċettat li terġa’ tibda tforni lill-kumpannija mħarrka b’merkanzija bl-arranġament “*on consignment*” bil-ħsieb li l-kumpannija mħarrka tħallasha biss meta jseħħilha tbigħ l-oġġetti konsenjati. Tiċħad ukoll li hija kienet aċċettat xi proposta li tifred il-bilanċ li kellha tieħu f’żewġ kontijiet maqtugħin minn xulxin, fejn wieħed jitħaddem mod u l-ieħor (li, skond il-kumpannija mħarrka kellu jirrappreżenta l-bilanċ li kien dovut saż-żmien meta l-kumpannija attriċi waqqfet il-konsenji f’Settembru tal-2001) rieqed jew “mejjet” sakemm il-kumpannija mħarrka tissaldah;

Illi jidher għalhekk li, kif issostni l-kumpannija attriċi, kull bejgħ ta’ merkanzija li sar minnha lill-kumpannija mħarrka

[4] Ara xhieda tiegħu 16.12.2003, f’paġ. 49 tal-proċess

kien kopert bis-sistema ta’ sittin jum kreditu, u mhux b’arranġamenti oħrajn. Dan seħħ ukoll fil-każ meta l-kumpannija attriċi qatgħetha li terġa’ tibda tbigħ lill-kumpannija mħarrka;

Illi, mbagħad, hemm konsiderazzjonijiet ta’ għamla legali li jeħtieġ li jintgħamlu dwar it-teżi tal-kumpannija mħarrka. L-ewwel waħda tintrabat ma’ dak li jipprovdu l-artikoli 1077 u 1078 tal-Kodiċi Ċivili. Fi kliem ieħor, ukoll kieku kellu jingħad li kien hemm xi qbil bejn il-kumpannija attriċi u dik imħarrka li l-bilanċ jinqasam f’żewġ kontijiet distinti, tali arranġament irid iħares id-dispożizzjonijiet tal-liġi bl-akbar reqqa. Kif fisser l-affarijiet ir-rappreżentant tal-kumpannija mħarrka, dan il-ħarsien ma jidher imkien;

Illi t-tieni konsiderazzjoni ta’ għamla legali toħroġ minn parti mix-xhieda mogħtija mir-rappreżentant tal-kumpannija mħarrka. Huwa qal li l-imsemmi ftehim seħħ għall-ħabta ta’ Awissu tal-2002, jiġifieri wara li f’Mejju ta’ qabel kienet saret laqgħa msejħa għall-kredituri tal-kumpannija mħarrka biex tgħarrafhom dwar il-qagħda finanzjarja tal-istess kumpannija. F’dik il-laqgħa ħareġ ċar li l-qagħda finanzjarja tal-kumpannija mħarrka ma kinitx mill-aħjar, u lanqas ingħata ħjiel meta l-kredituri setgħu jistennew li jitħallsu[5]. Hemm ukoll provi li juru li l-kumpannija mħarrka kienet ħarġet sensiela[6] ta’ kambjali favur il-kumpannija attriċi b’wegħda ta’ ħlasijiet tal-ammont maqbul, imma l-ebda waħda mill-imsemmija kambjali ma ssarrfet meta għalqilha ż-żmien. Dawn iż-żewġ ċirkostanzi jwaqqgħu għal kollox il-pretensjoni tal-kumpannija mħarrka dwar il-“kont l-antik” u l-għoti ta’ żmien għall-ħlas tiegħu, għaliex huma sewwasew żewġ ċirkostanzi li l-liġi nnifisha[7] tqis bħala raġunijiet li minħabba fihom id-debitur jitlef il-benefiċċju taż-żmien;

Illi dwar l-eċċezzjoni li l-kumpannija attriċi għaddet mal-ammont li hija qegħda titlob somma li kienet diġa’ tħallset, il-Qorti ssib li din l-eċċezzjoni ma jistħoqqilhiex tintlaqa’. Intwera, kif fuq ingħad, li l-kumpannija attriċi akkreditat il-

---

[5] Xhieda Anthony Grech Sant 23.1.2004, f’paġġ. 63-4 tal-proċess
[6] Dokti “A” sa “F”, f’paġġ. 24-9 tal-proċess
[7] Ara art. 1079 tal-Kap 16

ħlasijiet kollha li l-kumpannija mħarrka wettqet. L-istess erba' (4) riċevuti[8] li l-kumpannija mħarrka tgħid li juru ħlas magħmul minnha u mhux meqjus fil-konteġġi tal-kumpannija attriċi jirriżultaw fis-sewwa msemmija fil-prospett "aġġornat" imressaq mill-kumpannija attriċi. Jekk kien hemm xi ħlas ieħor li l-kumpannija mħarrka wettqet u li l-kumpannija attriċi ma tatx każu, kien jaqa' fuq il-kumpannija mħarrka biex tippruvah. L-ebda prova f'dan is-sens ma tressqet, minkejja li ngħata żmien biżżejjed biex isir hekk;

Illi, fl-aħħarnett, irid jingħad li għalkemm il-prospett imressaq mill-kumpannija attriċi waqt is-smigħ tal-kawża kien juri ammont ogħla minn dak mitlub fl-Att taċ-Ċitazzjoni, il-Qorti ma tistax titbiegħed minn dak mitlub fl-istess Att bla ma tkun qegħda twettaq nuqqas. Għalhekk, il-Qorti sejra toqgħod fuq l-ammont mitlub fiċ-Ċitazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet** kollha tal-kumpannija mħarrka bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tastjeni milli tqis l-ewwel talba**, u dan fid-dawl tad-Degriet mogħti fis-smigħ tal-25 ta' Novembru, 2003;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas is-somma ta' ħamest elef mija u wieħed u tmenin lira Maltija u disgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm 5181.59) lill-kumpannija attriċi, rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq is-somma fuq imsemmija b'effett mit-22 ta' Ottubru, 2003, sal-jum tal-ħlas effettiv.

[8] Dokti "NC1" sa "NC4" f'paġġ. 17 sa 21 tal-proċess

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------